MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 3/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**Vs**
**Charlie (Carmelo) Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 t'Ottubru, 2009 ghall-habta ta' 12.30 hrs u/jew fil-gimghat ta' qabel, gewwa l-fond matrimonjali taghhom cioe' Nru. 20 "Bonsai" Triq domenico Cachia, B'Kara, meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk xi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor, billi

fixxkel lil martu Emanuela Sciberras fil-pussess ta’ hwejjigha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Jannar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli indikati u partikolarment l-artikolu 85 tal-Kap. 9 sabitu hati tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatu multa ta’ €200.
L-appellant ghandu wkoll jirriprestina d-dar konjugali bl-oggetti kollha li ha minn go din id-dar u dan fi zmien gimghatejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta’ Jannar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w minflok tillibera lill-appellant mill-istess akkuzi w minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti, minkejja x-xhieda prodotta, naqset milli tikkunsidra u tqis illi kien gie konkluz ftehim verbali bejn l-appellant u martu, li martu stess kienet esegwiet dan il-ftehim verbali u li b’hekk l-appellant kien gustifikat illi jesegwixxi l-parti tieghu ta’ dak il-ftehim;
Illi inoltre, l-appellant ukoll jirrileva illi l-verzjoni kif moghtija taht gurament mill-imsemmija, Emanuela Sciberras hija skorretta w inveritiera bil-konsegwenza illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u erronju tal-provi.

Ikkunsidrat :

Qabel mal-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu trid taghmel xi osservazzjonijiet dwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta’ Jannar, 2010, peress illi din il-Qorti thoss illi fiha mankament procedurali li jwassal ghan-nullita’ tal-istess.

L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jghid ***"il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w isemmi l-artikoli ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."***

Din il-Qorti qed taghmel din ir-referenza w tenfasizza l-fatt li l-ligi tispecifika illi ghandhom jigu msemmija l-artikoli tal-Kodici jew ta' kull ligi ohra illi l-imputat ikun instab hati. F'dan il-kaz din il-Qorti tosserva illi l-Ewwel Qorti ma osservatx dan id-dispost u semmiet biss "rat artikoli." minghajr ma tindika liema huma dawn l-artikoli.

Il-ligi hija cara w tghid illi ghandha ssir referenza w jigu msemmija l-artikoli. Mhuwiex bizzejjed illi l-Qorti tghid "rat l-artikoli indikati" u tieqaf hemm, imma ghandha ssemmi l-artikoli illi taghhom l-imputat ikun instab hati w dana kollu taht piena ta' nullita'. Terga, l-vot tal-artikolu fuq imsemmi ma jigix sodisfatt billi jissemma artikolu wiehed u l-ohrajn jibqghu fl-arja bhal li kieku ma jezistux.

Kif qalet il-kawza "Il-Pulizija vs Anthony Zahra" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 1994 ***"in-nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali sollevabbli mill-Qorti ex officio, anki jekk l-appellant ma jilmentax minn nullita' tas-sentenza".***

Ghalhekk din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Jannar, 2010 u tghaddi biex tisma l-kawza mill-gdid.

Ikkunsidrat :

Bil-verbal tal-21 ta' Mejju, 2010, l-Avukati tal-partijiet spjegaw illi l-istess partijiet qeghdin f'process ta' separazzjoni w sabiex ma jigux aggravati incidenti li seta' kien hemm bejniethom qeghdin f'dak l-istadju jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-kamp kriminali bejniethom u jaghzlu li ma jixhdux kontra xulxin.

Verament ftit hemm dak li huwa rinunzjabbli pero' l-fatt li ma xehdux kontra xulxin jaggrava serjament fuq l-akkuza peress li ma jistax jinghad illi dina giet pruvata, peress li mhux biss il-partijiet ma xehdux fil-konfront ta' xulxin izda l-ebda xhud iehor ma tressaq mill-prosekuzzjoni.

Ovvjament taht dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax issib htija.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' w tiddeciedi illi filwaqt li thassar u tannulla s-sentenza ta' Prim Istanza, wara li kkunsidrat il-kawza mill-gdid tiddikjara lill-imputat mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------